

Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA mill-Kumitat għall-Ilmenti dwar l-Akkwist Pubbliku bid-data tas-17 ta' Settembru 2019 fil-każ ta' Tak – Malbik ehf. v l-Amministrazzjoni İzlandiża tal-Toroq u tal-Kosta u Þróttur ehf.

(Il-Kawża E-7/19)

(2020/C 23/09)

Saret talba lill-Qorti tal-EFTA bid-data tas-17 ta' Settembru 2019 mill-Kumitat għall-Ilmenti dwar l-Akkwist Pubbliku (kærunefnd útboðsmála), li waslet fir-Reġistru tal-Qorti fit-23 ta' Settembru 2019, għal Opinjoni Konsultattiva fil-kawża Tak – Malbik ehf. v l-Amministrazzjoni İzlandiża tal-Toroq u tal-Kosta u Þróttur ehf. dwar il-mistoqsija li ġejja:

Kuntratt li jitwettaq wara sejħa għall-offerti, li fiha l-offerenti jintrabtu li jipproċessaw u jaħżnu ċerta materja prima pprovduta mill-awtorità kontraenti, u skont ir-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti, għandu jiġi kkunsidrat bħala kuntratt ta' xogħlijiet fis-sens tad-Direttiva 2014/24/UE, ara b'mod partikolari l-paragrafi 6 u 7 tal-Artikolu 2, jew inkella kuntratt ta' servizzi fis-sens tad-Direttiva, ara b'mod partikolari l-Artikolu 2(9)?
